

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 349/2011

tal-11 ta' April 2011

li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1338/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika Komunitarja dwar is-saħħa pubblika u s-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol, fir-rigward tal-istatistika dwar l-inċidenti fuq ix-xogħol

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1338/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-istatistika Komunitarja dwar is-saħħa pubblika u s-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 1338/2008 stabbilixxa qafas komuni għall-produzzjoni sistematika tal-istatistika Ewropea dwar is-saħħa pubblika u s-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol.
- (2) Skont l-Artikolu 9(1) tar-Regolament (KE) Nru 1338/2008, huma meħtieġa miżuri implimentattivi biex tiġi determinata d-dejta u l-metadejta li għandha tiġi provduta għall-inċidenti fuq ix-xogħol koperti fl-Anness IV ta' dak ir-Regolament kif ukoll biex jiġu determinati l-perjodi ta' referenza, l-intervalli u l-limiti ta' żmien għall-provvista tad-dejta.
- (3) Id-dejta kunfidenzjali mibgħuta mill-Istati Membri lill-Kummissjoni (Eurostat) għandha tiġi mmaniġġjata skont il-prinċipju tal-kunfidenzjalità tal-istatistika kif stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea⁽²⁾ u skont ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-movement liberu ta' dak id-data⁽³⁾.
- (4) Twettqet analiżi tal-ispejjeż-benefiċċji u ġiet evalwata skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 1338/2008.
- (5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tas-Sistema tal-Istatistika Ewropea,

Artikolu 1

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (a) "inċident fuq il-post tax-xogħol" huwa okkorrenza distinta matul ix-xogħol li twassal għal ħsara fiżika jew mentali. Il-frażi "matul ix-xogħol" tfisser waqt li persuna tkun qiegħda tagħmel attività okkupazzjonali jew matul il-ħin li l-persuna tkun qiegħda x-xogħol. Dan jinkludi l-inċidenti tat-traffiku li jsiru matul ix-xogħol iżda jeskludi l-inċidenti waqt l-ivvjaġġar, jiġifieri inċidenti fit-triq li jsiru matul il-vjaġġ bejn id-dar u l-post tax-xogħol.
- (b) "inċident fatali" ifisser inċident li jwassal għall-mewt ta' vittima fi żmien sena mill-inċident.
- (c) "l-attività ekonomika tal-impjegatur" tkopri l-attività "ekonomika" ewlenija tal-unità lokali tal-impriża tal-vittima.
- (d) "l-età" tfisser l-età tal-vittima fiż-żmien tal-inċident.
- (e) "it-tip ta' korriment" ifisser il-konsegwenzi fiżiċi għall-vittima.
- (f) "il-post ġeografiku" ifisser l-unità territorjali fejn sar l-inċident.
- (g) "id-daqs tal-impriża" ifisser l-għadd ta' impjegati (ekwivalenti full-time) li qegħdin jaħdmu fl-unità lokali tal-impriża tal-vittima.
- (h) "in-nazzjonalità tal-vittima" tfisser il-pajjiż taċ-ċittadinanza.
- (i) "ġranet mitlufa" ifisser l-għadd ta' jiem kalendarji li matulhom il-vittima ma tkunx tajba għax-xogħol bħala riżultat ta' inċident fuq il-post tax-xogħol.
- (j) "stazzjon tax-xogħol" ifisser in-natura tas-soltu jew inkella, dik okkażżjonali tal-post/pożizzjoni okkupata mill-vittima fiż-żmien tal-inċident.
- (k) "l-ambjent tax-xogħol" ifisser il-post tax-xogħol, il-bini tax-xogħol jew l-ambjent ġenerali fejn ikun sar l-inċident.
- (l) "il-proċess tax-xogħol" ifisser it-tip ewlieni ta' xogħol jew kompitu (attività ġenerali) li jkun qiegħed jitwettaq mill-vittima fiż-żmien tal-inċident.

⁽¹⁾ ĠU L 354, 31.12.2008, p. 70.

⁽²⁾ ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164.

⁽³⁾ ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.

- (m) "attività fiżika speċifika" tfisser l-attività fiżika eżatta tal-vittima fil-mument tal-inċident.
- (n) "aġent materjali assoċjat mal-attività fiżika speċifika" ifisser l-għodda, l-oġġett jew l-istrument li kien qiegħed jintuża mill-vittima meta sar l-inċident.
- (o) "devjazzjoni" tfisser l-aħħar avveniment li kien differenti min-normalità u li wassal għall-inċident.
- (p) "aġent materjali assoċjat mad-devjazzjoni" ifisser l-għodda, l-oġġett jew l-istrument involut fl-avveniment mhux normali.
- (q) "kuntatt - metodu ta' korriment" ifisser kif wegġġhet l-vittima (trawma fiżika jew mentali) bl-aġent materjali li kkawża l-korriment.
- (r) "aġent materjali assoċjat mal-kuntatt - metodu ta' korriment" ifisser l-oġġett, l-għodda jew l-istrument li għamel kuntatt miegħu l-vittima jew il-metodu psikoloġiku ta' korriment.

Artikolu 2

Dejta meħtieġa

1. L-Istati Membri għandhom jittrasmettu lill-Kummissjoni (Eurostat) mikrodejta dwar il-persuni li kellhom inċidenti matul ix-xogħol matul il-perjodu ta' referenza u l-metadejta assoċjata. Il-lista ta' varjabbli li għandha tiġi trasmessa lill-Kummissjoni (Eurostat) kif ukoll l-istatus obbligatorju jew le tal-varjabbli u l-ewwel sena ta' trasmissjoni tad-dejta huma elenkati fl-Anness I.
2. Il-provvista tad-dejta dwar l-inċidenti fuq il-post tax-xogħol relatati ma' dawġ li jaħdmu għal rashom, il-ħaddiema tal-familja u l-istudenti għandha tkun fuq bażi volontarja.
3. Il-provvista ta' dejta dwar l-inċidenti fuq il-post tax-xogħol li huma soġġetti għal regoli dwar il-kunfidenzjalità mil-leġiżlazzjoni nazzjonali kif elenkati fl-Anness II għandha tkun fuq bażi volontarja.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' April 2011.

4. Id-dejta għal inċidenti fuq il-post tax-xogħol li saru matul is-sena ta' referenza għandha preferibbilment tkun ibbażata fuq reġistri u sorsi amministrattivi oħra. Meta dan ma jkunx possibbli, jista' jintuża l-istimar u l-imputazzjoni, anke jekk tkun ibbażata fuq stħarriġ u mhux dejta għal kull każ, biex jiġu eliminati diskrepanzi fil-kopertura tad-dejta.

Artikolu 3

Perjodu ta' referenza

Il-perjodu ta' referenza għandu jkun is-sena kalendarja li fiha ġew notifikati l-inċidenti lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.

Artikolu 4

Metadejta

1. L-Istati Membri għandhom jittrasmettu lill-Kummissjoni (Eurostat) verifikazzjoni u aġġornament annwali tal-metadejta flimkien mad-dejta.
2. Il-metadejta għandha tiġi trasmessa skont mudell standard speċifikat mill-Kummissjoni (Eurostat) u għandha tinkludi l-oġġetti msemmijin fl-Anness III.

Artikolu 5

Trasmissjoni ta' dejta u metadejta lill-Kummissjoni (Eurostat)

1. L-Istati Membri għandhom jittrasmettu d-dejta u l-metadejta skont standard ta' skambju speċifikat mill-Kummissjoni (Eurostat), fi żmien 18-il xahar wara t-tmiem tal-perjodu ta' referenza.
2. Id-dejta u l-metadejta għandha tiġi trasmessa lill-Kummissjoni (Eurostat) b'mezzi elettroniċi, bl-użu tal-punt uniku ta' dħul fil-Kummissjoni (Eurostat).

Artikolu 6

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidhul fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fl-*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

ANNEX I

LISTA TA' VARJABBLI

L-istatistika Ewropea dwar l-inċidenti fuq il-post tax-xogħol (ESAW) Varjabbli tal-fażijiet I u II

Varjabbli	Speċifikazzjonijiet	L-ewwel sena għat-trasmissjoni tad-dejta
Numru tal-Każ	Numru tal-każ uniku biex tiġi identifikata kull reġistrazzjoni individwali u biex jiġi żgurat li kull reġistrazzjoni tirrappreżenta okkorrenza ta' inċident separata fuq il-post tax-xogħol. Qabel in-numru tal-każ magħżul għandhom jitniżżlu l-erba' ċifri tas-sena meta ġie notifikat l-inċident lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.	2013
Attività Ekonomika tal-Impjegatur	Livell b'erba' ċifri tar-Rev.2 tal-NACE ⁽¹⁾	2013 għas-setturi tar-Rev.2 tal-NACE A u C-N 2015 għas-setturi tar-Rev.2 tal-NACE B u O-S.
Okkupazzjoni tal-Vittima	Livell b'żewġ ċifri tal-ISCO-08	2013
Età tal-Vittima	Numru b'żewġ ċifri	2013
Sess tal-Vittima	Kodiċi b'ċifra waħda	2013
It-Tip ta' Korriment	Verżjoni bi tliet ċifri tal-klassifikazzjoni ESAW għat-"Tip ta' korriment" skont il-metodoloġija tal-ESAW.	2013
Parti mill-Ġisem Imweġġa'	Verżjoni b'żewġ ċifri tal-klassifikazzjoni tal-"parti mill-ġisem imweġġa'" skont il-metodoloġija tal-ESAW.	2013
Post Ġeografiku tal-Inċident	Kodiċi b'ħames ċifri skont il-klassifikazzjoni NUTS. ⁽²⁾	2013
Data tal-Inċident	Varjabbli numeriku li huwa indikat bħala sena, xahar u jum	2013
Ħin tal-Inċident	Varjabbli b'żewġ ċifri li jiddeskrivi l-intervalli ta' ħin f'sigħat skont il-metodoloġija tal-ESAW	fakultattiv
Daqs tal-Impriża	Kategoriji skont il-metodoloġija tal-ESAW	fakultattiv
Nazzjonalità tal-Vittima	Kategoriji skont il-metodoloġija tal-ESAW	fakultattiv
Status tal-Impjeg tal-Vittima	Kategoriji skont il-metodoloġija tal-ESAW	2013
Jiem mitlufa (severità)	Kategoriji skont il-metodoloġija tal-ESAW Jintużaw kodiċijiet speċifiċi biex juru l-inkapaċità permanenti u inċident fatali.	2013
Piż tal-ġbir tal-ESAW	Għandu jintuża meta l-Istat Membru juża kampjun għall-ġbir tad-dejta dwar l-inċidenti u/jew irid jagħmel xi korrezzjonijiet minħabba n-nuqqas ta' rappurtaġġ. Jekk ma japplikax jintuża l-valur standard ta' 1.	2013

⁽¹⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi tal-NACE Reviżjoni 2 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 kif ukoll ċerti Regolamenti tal-KE dwar setturi speċifiċi tal-istatistika (ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1).

⁽²⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS) (ĠU L 154, 21.6.2003, p. 1) (Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 14, Volum 01 p. 196).

Varjabbli tal-fażi III tal-ESAW dwar il-kawżi u ċ-ċirkustanzi

Varjabbli	Speċifikazzjonijiet	L-ewwel sena għat-trasmissjoni tad-dejta
1. Stazzjon tax-Xogħol	Kategoriji skont il-metodoloġija tal-ESAW	2015 (*)
2. Ambjent tax-Xogħol	Verżjoni bi tliet ċifri tal-klassifikazzjoni tal-"Ambjent tax-Xogħol" skont il-metodoloġija tal-ESAW	2015 (*)
3. Proċess tax-Xogħol	Verżjoni b'żewġ ċifri tal-klassifikazzjoni tal-"Proċess tax-Xogħol" skont il-metodoloġija tal-ESAW	2015 (*)
4. Attività Fiżika Speċifika	Verżjoni b'żewġ ċifri tal-klassifikazzjoni tal-"Attività Fiżika Speċifika" skont il-metodoloġija tal-ESAW	2015 (*)
5. Devjazzjoni	Verżjoni b'żewġ ċifri tal-klassifikazzjoni tad-"Devjazzjoni" skont il-metodoloġija tal-ESAW	2015 (*)
6. Kuntatt - Metodu ta' korriment	verżjoni b'żewġ ċifri tal-klassifikazzjoni tal-"Kuntatt - Metodu ta' korriment" skont il-metodoloġija tal-ESAW	2015 (*)
7. Aġent Materjali assoċjat mal-Attività Fiżika Speċifika	Verżjoni b'erba' ċifri tal-klassifikazzjoni tal-"Aġent Materjali" skont il-metodoloġija tal-ESAW	2015 (*)
8. Aġent Materjali assoċjat mad-Devjazzjoni	Verżjoni b'erba' ċifri tal-klassifikazzjoni tal-"Aġent Materjali" skont il-metodoloġija tal-ESAW	2015 (*)
9. Aġent Materjali assoċjat mal-Kuntatt - Metodu ta' korriment	Verżjoni b'erba' ċifri tal-klassifikazzjoni tal-"Aġent Materjali" skont il-metodoloġija tal-ESAW	2015 (*)
Piż tal-Kawżi u ċ-Ċirkustanzi	Għandu jintuża meta l-Istat Membru japplika kampjun addizzjonali għall-kodifikazzjoni tal-varjabbli tal-Fażi III tal-ESAW dwar il-kawżi u ċ-ċirkustanzi. Jekk ma japplikax jintuża l-valur standard ta' 1.	2015

(*) Trasmissjoni obbligatorja ta' mill-inqas 3 mid-9 varjabbli

ANNEX II

LISTA TA' PROFESSJONIJIET LI HUMA SOĠĠETTI GĦALL-KUNFIDENZJALITÀ GĦALL-KUNSINNA FUQ BAŻI VOLONTARJA

Skont I-ISCO-08:

- 0 Xogħlijiet fil-forzi armati
- 3351 Spetturi tad-dwana u tal-fruntiera
- 3355 Spetturi tal-pulizija u investigaturi
- 541 Ħaddiema tas-servizzi ta' protezzjoni
 - a. 5411 Persunal għat-tifi tan-nar
 - b. 5412 Uffiċjali tal-Pulizija
 - c. 5413 Gwardjani tal-ħabs
 - d. 5414 Gwardjani tas-sigurtà
 - e. 5419 Ħaddiema tas-servizzi tal-protezzjoni li mhumiex ikklassifikati x'imkien ieħor

Skont ir-Rev.2 tal-NACE:

- 84.22 Attivitajiet ta' difiża
 - 84.23 Attivitajiet tal-ġustizzja u ġudizzjarji
 - 84.24 Attivitajiet ta' ordni pubblika u ta' sigurtà
 - 84.25 Attivitajiet tas-servizzi tan-nar
-

ANNEX III

METADEJTA

Fejn japplika u fejn ikun rilevanti għall-fehim sħiħ tad-dejta tal-ESAW, il-metadejta tiddekrivi l-oġġetti li ġejjin:

- il-popolazzjoni koperta f'termini tas-setturi, u possibbilment is-sottosetturi tar-Rev.2 tal-NACE, u l-istatus tal-impjeg;
- l-informazzjoni dwar professjonijiet/attivitàjiet li għalihom id-dejta dwar l-inċidenti fuq il-post tax-xogħol hija soġġetta għall-kunfidenzjalità mil-leġiżlazzjoni nazzjonali u ma tistax tiġi trasmessa;
- ir-rati ta' dikjarazzjoni għall-inċidenti fuq il-post tax-xogħol li għandhom jintużaw għall-korrezzjoni tan-nuqqas tar-rappurtaġġ;
- il-kopertura tat-tipi differenti ta' inċidenti kif spjegat fil-metodoloġija tal-ESAW;
- il-metodu tat-teħid ta' kampjuni - jekk japplika - li jintuża fl-istabbiliment tal-ġbir tal-mikrodejta;
- il-metodu tat-teħid ta' kampjuni - jekk japplika - li jintuża għall-kodifikazzjoni tal-varjabbli dwar il-kawżi u ċ-ċirkustanzi;
- l-għadd ta' inċidenti tat-traffiku fatali u ta' inċidenti fatali li jkunu saru fuq kwalunkwe mezz ta' trasport fuq vjaġġ matul ix-xogħol għall-persuni li huma impjegati barra mis-settur H tar-Rev.2 tal-NACE "Trasport";
- informazzjoni dwar kwalunkwe speċifità nazzjonali li hija essenzjali għall-interpretazzjoni u l-kompilazzjoni ta' statistika u indikaturi komparabbli.
